**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kammergericht Berlin – il-Ġermanja) – Konrad Erzberger vs TUI AG**

**(Kawża C-566/15)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-ħaddiema — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Elezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord ta' sorveljanza ta' kumpannija — Leġizlazzjoni nazzjonali li tillimita d-dritt tal-vot u l-eliġibbiltà unikament għall-ħaddiema ta' stabbilimenti li jinsabu fit-territorju nazzjonali)***

(2017/C 300/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Kammergericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Konrad Erzberger

*Konvenuta:* TUI AG

*fil-preżenza ta':* Vereinigung Cockpit eV, Betriebsrat der TUI AG/TUI Group Services GmbH, Frank Jakobi, Andreas Barczewski, Peter Bremme, Dierk Hirschel, Michael Pönipp, Wilfried H. Rau, Carola Schwirn, Anette Stempel, Ortwin Strubelt, Marcell Witt, Wolfgang Flintermann, Stefan Weinhofer, ver.di – Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-ħaddiema impjegati fl-istabbilimenti ta' grupp li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru ma għandhomx id-dritt tal-vot u d-dritt li johorġu għall-elezzjonijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord ta' sorveljanza tal-kumpannija omm ta' dan il-grupp, stabbilita fl-imsemmi Stat Membru, kif ukoll, skont il-każ, id-dritt li jeżerċitaw jew li jkomplu jeżerċitaw mandat ta' rappreżentanza f'dan il-bord, meta dawn il-ħaddiema jitilqu mill-impjieg tagħhom f'tali stabbiliment u jiġu impjegati minn sussidjarja li tappartjeni għall-istess grupp stabbilita fi Stat Membru ieħor.*

[1] ĠU C 90, 7.3.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Alicante – Spanja) – Ornua Co-operative Limited, li qabel kienet The Irish Dairy Board Co-operative Limited vs Tindale & Stanton Ltd España, SL**

**(Kawża C-93/16)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettwali — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Karattru unitarju — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 9(1)(b) u (c) — Protezzjoni uniformi tad-dritt mogħti mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea kontra probabbiltajiet ta' konfużjoni u kontra ħsarat għar-reputazzjoni — Koeżistenza paċifika ta' din it-trade mark ma' trade mark nazzjonali użata minn terz f'parti mill-Unjoni Ewropea — Assenza ta' koeżistenza paċifika f'partijiet oħra mill-Unjoni — Perċezzjoni tal-konsumatur medju — Differenzi fil-perċezzjoni li jistgħu jeżistu f'partijiet differenti tal-Unjoni)***

(2017/C 300/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Alicante